MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## WM Bormla, WM Bormla Limited, WM Bormla Bank Limited u WM Bormla PLC - http://www.wmbormla.eu/secure/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("**MFSA**") hija konxja ta' entità li qed topera taħt l-ismijiet fuq imsemmija, liema entità hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-*Internet* fuq http://www.wmbormla.eu/secure/. Din l-entità tgħid li hija bank li joffri servizzi bankarji personali, kummerċjali u internazzjonali, u tippretendi illi għandha preżenza f'Malta ta 'l fuq minn 130 sena u illi Malta hija t-tieni kwartieri ġenerali globali tagħha.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, illi l-entità hawn fuq imsemmija **MHIX** kumpannija reġistrata f'Malta u **LANQAS** ma hi entità liċenzjata, mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizzi finanzjarji inkluż servizzi bankarji. Din il-websajt operata minn din l-entità tikkontjeni informazzjoni falza u qarrieqa u hija frawdolenti. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jidħolx f'ebda transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata ma' din l-entità.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni għandha l-liċenzja, awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni xierqa meħtieġa skont il-liġi sabiex tipprovdi servizzi finanzjarji mill-MFSA jew hija altrimenti liċenzjata, awtorizzata jew reġistrara ma' xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 07-2014**
**13 ta' Ġunju 2014**